MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2015

Numru 991/2012

Il-Pulizija

(Spettur Kevin Pulis)

vs

Daniel Attard

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 508790m akkuzat talli fil-25 ta' Lulju 2011 ghal habta ta' 00.00hrs gewwa Vjal Blue Grotto, Zurrieq:

1. saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAN 568 u b'nuqqa ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku involontarjament tajjart lil (a) Bernardette Zammit u (b) Nigel Zammit ta' sena u nofs;
2. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku (a) involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Bernardette Zammit (b) involontarjament ikkagunajt

offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Nigel Zammit skond kif iccertifika Dr Thomas Armatys M.D Reg 2788 mill-M.D.H;

Rat ir-rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu bghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti skond u ghab-bazi tal-artikoli minnu citati fir-rinviju ghal gudizzju;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjhoni li l-akkuzi kontra tieghu jigu finalment decizi minn dina l-Qorti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha u semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat:

Il-kawza tittratta incident tat-traffiku fejn l-imputat waqt li kien qed jittransita 'Blue Grotto Avenue' z-Zurrieq, investa mara li kienet qed timbotta 'pram' li fih kien hemm tarbija. Mill-provi in atti jirrisulta li l-mara sofriet griehi klassifikabbli bhala gravissimi stante li kolpiti bl-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali, fil-waqt li t-tarbija sofriet griehi hfief konsistenti semplicement f'girfa. Fl-incident il-'pram' wkoll sofriet xi hsara pero' minn dan l-aspett m'hemm ebda akkuza.

Dwar l-incident, u sorvolat jekk sehhx f'nofs il-lejl jew appena wara, igifieri l-ghada - t-tahrika issemmi l-25 ta' Lulju 2011 f'00:00 hrs- li jinsab cert hu li dak il-lejl kien wiehed li fih tkun celebrata l-festa taz-Zurrieq. Nonostante, t-triq in kwistjoni, ossija Vjal Blue Grotto, kienet transitabbli bil-vetturi tant li t-'traffic lights' kienu jahdmu normali. Intant, it-triq hija limitrofa ghac-centru tar-rahal li permezz taghha tista' taccedi ghac-centru jew sa fejn il-bahar.

Jirrisulta inkontestat wkoll li l-incident sehh fejn muri mir-ritratti esebiti a fol.62 u 63 fejn mill-ewwel wiehed hu identifikabbli t-'traffic light' fuq kull naha tat-triq separata mis-'central strip' li ghandha l-forma ta' Zeta.

Dwar l-akkuza principali li biha l-imputat jinsab akkuzat ai termini tal-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali, din tixlih li saq vettura minghajr licenzja tas-sewqan jew li ma kelhiex licenzja jew li saqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikoluz. L-artikoli tal-ligi l-ohra citati huma ancillari din l-akkuza u jistabilixxu l-konsegwenzi f'kaz li jirrisulta certu sewqan jew ghall-pieni applikabbli dipendenti mill-gravita' tal-feriti kagunati.

Mill-provi pero' il-Qorti assolutament ma irriskontrat ebda sewqan bla kont, traskurat jew perikoluz da parti tal-imputat li gie rinfaccjat b'att inkonsult tal-mara fil-waqt li qabdet u qasmet fuq dawl ahdar minn qalb folla nies li kienu fuq is-cenral strip presumibilment jistennew li d-dawl jinqaleb fuq l-ahmar. Hawnhekk il-Qorti ma tridx li tiftiehem li l-imputat kellu xi impunita' li jtajjar persuna ghaliex d-dritta kienet tieghu fuq dawl ahdar izda fil-kaz in ezami l-Qorti verament temmen li l-mara qabdet u qasmet u l-imputat ma kienx possibli ghalih li jara u jiehu azzjoni evasiva fil-pront.

Ghaldqastant, mhux qeghdha ssib l-imputat hati u tilliberah.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------